**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 185/2017 AGV</u>**

**ESF**

**Vs**

**HSF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' E SF fejn ippremetta s-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (09.05.2012) u miz-zwieg taghhom ma kien hemm l-ebda ulied.

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli wara li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun lejn zewgha ghal dawn l-ahhar snin, u abbuz psikologiku kontinwu, u dan kif certament ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

3. Illi minkejja diversi tentattivi ghal separazzjoni konsenswali, minhabba intransigenza da parti tal-konvenuta, la ghad hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u wisq inqas illi jirnexxielhom jaslu fi ftehim u kien ghalhekk illi l-esponent ma kellu l-ebda ghazla ohra ghajr li jintavola l-proceduri odjerni.

4. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-Rikors guramentat permezz ta' digriet datat sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (27.06.2017).

5. Illi pendenti bejn il-partijiet hemm kawza ta' annullament ta' zwieg quddiem dina l-Onorabbli Qorti intavolata mir-rikorrent kontra martu fejn l-esponent qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` ghal tortijiet imputabbli lill-intimata.

**Tghid ghalhekk il-konvenuta, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-**

1. Tiddikjara u tippronunzja  s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta fosthom eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi fuq zewgha, kif ukoll abbandun lejn l-istess zewgha, konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment.

2. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-konvenuta titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenuta fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

3. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

4. Tordna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u parentorju tallonta ruhha mill-fond matrimonjali ossia l-fond fl-indirizz Emerald Apartments, Flat numru sitta` (6), fi Triq G. Schranz gewwa l-Imsida, li huwa propjeta` parafernali tal-esponent. B'dana illi fin-nuqqas, tordna li l-istess konvenuta tigi zgumbrata mill-istess fond bl-intervent tal-Pulizija u l-Marixxalli.

5. Tordna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrent l-beni u krediti parafernali u dotali tieghu li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti tal-istess esponent qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigu lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannaha thallas lil esponent dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti.

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir taghha l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob ghall-manteniment minghand zewgha l-esponent.

7. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-esponent.

8. Tordna lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe` **A .**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuta H SF , li eccepiet is-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti tichad dak kontemplat fl-ewwel talba u tishaq li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghadha tigi ddikjarata minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attur minhabba l-agir irresponsabbli da parti tieghu li unikament ikkontribwixxa ghat-tkissir tal-hekk imsejjah zwieg u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

2. Illi rigward it-tieni talba tar-rikors guramentat, filwaqt li taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti ghadha tigi xolta l-esponenti ma taqbilx li hija ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrent.

3. Illi l-esponenti taqbel mat-tielet talba attrici.

4. Illi l-esponenti tispjega li hija gia allontanat ruhha mir-residenza matrimonajali principalment ghas-sigurta' personali taghha u marret

tirrisjedi mal-genituri taghha u dan b'riserva li l-esponenti tiehu dak kollu li jappertjeni lilha sia dak parafernali sia sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

5. Illi l-esponenti ma taqbilx mal-hames talba u tishaq illi ghandu jkun l-attur li ghandu jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll li saru da parti tal-istess esponenti qabel iz-zwieg aktar u aktar meta jikkonsidra li ser jirrizulta fil-mori tal-kawza illi l-esponenti temmen li kienu kienet konxja ta' certu problemi minn qabel zgur ma kienetx tizzewweg lill-attur li thoss illi dahaq biha.

6. Illi l-esponenti ma taqbilx mas-sitt talba cioe' li hija ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob manteniment minghand l-attur izda ghar-raguni li hija finanzjarjament indipendenti minnu.

7. Illi rigward is-seba' talba tar-Rikors guramentat l-esponenti ma taqbilx izda tishaq li din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn huwa applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti biss u dan minhabba l-agir irresponsabbli qarrieqi tar-rikorrenti vis-a-vis l-esponenti.

8. Illi l-esponenti, taqbel mat-tmien talba u tistenna li tirreverti ghal kunjomha ta' xbubitha 'A '.

**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

Rat il- Kontro-Talba tal-intimata Rikonvenzjonata HSF fejn ippremettiet is-segwenti:-

**Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

2. Illi minn dan z-zwieg ma kienx hemm ulied ghal ragunijet li ser jissemghu fil-mori tal-kawza u a bazi taghhom l-intimata rikonvenzjonata , talbet ghal dispensa quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

3. Illi l-kunsens tal-intimata rikonvenzjonata ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-attur rikonvenzjonat li minhabba liema fixkel serjament li l-hajja mizzewwga bejn il-partijiet qatt setghet tibqa’ bejniethom.

4. Illi z-zwieg tal-konjugi tkisser ukoll b’mod irrimedjabbli wara l-attur rikonvenzjonat, irrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi, ingurji gravi u abbandun versu l-intimata rikonvenzjonata ghal dawn l-ahhar snin u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

5. Illi effettivament il-partijiet esploraw il-possibilta’ ta’ soluzzjoni bonarja izda dan l-attentat falla minhabba intransigenza da parti tal-attur rikonvenzjonant.

6. Illi l-intimata rikonvenzjonat kellha per forza tallontana ruhha mid-dar matrimonjali bi pre-avviz lill-Attur rikonvenzjonat principarjament

minhabba s-sigurta' personali taghha tant li spiccat tirrisjedi mal-genituri taghha.

7. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax.

8. Illi pendenti bejn il-partijiet hemm kawza ta' annullament taz-zwieg zquddiem din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll kawza ghal dispenza quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a direttura konoxxenza tal-intimata rikonvenzjonanta.

**A. <u>Talbiet tal-intimata rikonvenzjonanta</u>**

1. Illi l-proceduri prezenti qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi rikonoxxuti fil-Ligi u sabiex jigu mposti fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jinghataw dawk il-provvedimenti kollha necessarji u ancillari ghall-istess separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**B. <u>Talbiet tal-intimata rikonvenzjonanta</u>**

GHALDAQSTANT, l-intimat rikonvenzjonanta in vista ta' dak kollu premess, titlob lill-attur rikonvenzjonat ighid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u mputabbli esklussivament lill-attur rikonvenzjonat u minhabba eccessi, servizzi, ingurji gravi u abbandun versu l-intimata rikonvenzjonanta li rrenda l-hajja mizzewga impossibbli.

2. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg *de quo* ghal dawk ir-ragunjiet ndikati f' dan ir-rikors jew liema minnhom u li abbazi taghhom qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.

3. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' Perit nominandi.

4. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti id-disposizzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data, minn l-istess attur rikonvenzjonat ghandu jkun ikkunsidrat li minnu kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet msemmija u tiddikjara inoltre' illi l-attur rikonvenzjonat tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru wara data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala data meta l-attur rikonvenzjonat irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-intimata rikonvenzjonata u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod ghaz-zewg partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili inoltre din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-intimata rikonvenzjonanta.

5. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll kwalunkwe beni mizmuma in komun bejn il-partijiet f’zewg ishma illi in segwitu ghat-talbiet precedenti ma jkunux necessarjament ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwisti tad-diversi beni u data minn meta l-attur b’konsegwenza ta’ liema zwieg tkisser irrimedjabilment.

6. Tassenja lill-intimata rikonvezjonanta, l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jirritorna lill-intmata rikonvenzjonata l-beni kollha parafernali taghha jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.

7. Tiddikjara illi l-fond fl-indirizz, ‘Emerald Apartments’, Flat 6 G. Schranz Street. Msida m’ghadux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

8. Tiddikjara u tiddecidi li bl-agir tieghu l-attur rikonvenzjonat iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand l-intimata rikonvenzjonanta.

9. Tillikwida s-somma rapprezentanti spejjez li l-intimata rikonvenzjonanta, ghamlet qabel iz-zwieg inkluz l-ispejjez tat-tieg li hija ma kienetx tidhol ghalih li kieku kienet taf bil-qerq da parti tal-attur rikonvenzjonat.

10. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci tal-attur rikonvenzjonat.

11. Tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanta, sabiex tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' 'A '.

12. Tawtorizza lill-intimata rikonvenzjonanta, sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni kontra l-attur rikonvenzjonat illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Guramentata ta' ESF** fejn eccepixxa s-segwenti :-

1. Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-konvenuta rikonvenzjonanta fil-kontro-talba taghha, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa li jressaq xhieda in sostenn.

2. Illi brevement jinghad illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, abbandun lejn zewgha ghal dawn l-ahhar snin, u abbuz

psikologiku kontinwu, u dan kif certament ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

Illi jinghad ukoll illi bejn il-kontendenti hemm annullament civili bin-numru 148/17RGM fl-ismijiet fuq premessi.

Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet, l-esponenti tissottometti s-segwenti:-

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghall-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet; izda mhux ghat-tortijiet imputabbli lilu stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabbli huma imputabbli esklussivament lill-konvenuta u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

2. Illi l-esponent jopponi ghat-tieni talba u dan l-ghaliex kif gia inghad r-raguni ghat-tkissir taz-zwieg hija unikament attribwibbli lill-istess konvenuta rikonvenzjonanta.

3. Illi l-esponenti ma jopponix ghat-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi l-esponenti qieghed jopponi ghar-raba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dan stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront tieghu l-artikolu 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanta innifisha. L-esponent jissottometti illi

din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-Mara u mhux lill-esponent u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta l-konvenuta kienet hatja tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess.

5. Illi l-esponent ma jopponix ghall-hames talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta fuq il-qsim u divizjoni tal-beni kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-Mara u mhux lill-esponent u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta l-konvenuta kienet hatja tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess.

6. Illi fir-rigward tas-sitt talba, sta ghall-konvenuta rikonvenzjonanta biex tipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u/jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponent ma jopponix ghas-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta.

8. Illi l-esponent jopponi ghat-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u dana stante li m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li ghaliha huwa ghandu jitqies li ddekada mid-dritt li jitlob u jircievi manteniment minghand martu u dana gialadarba z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli esklussivament minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

9. Illi fir-rigward tad-disa' talba l-esponent jissottometti illi huwa ma qarraq b'hadd u effettivament kienet il-konvenuta rikonvenzjonata. Fir-rigward tal-istess talba, l-esponent jissottometti illi din hija intempestiva stante li hija ipotetika u kundizzjonata fuq jekk din l-Onorabbli Qorti fil-futur hux ser taqta' u tiddeciedi l-kawza t'annullament ta' bejn il-partijiet favur il-konvenuta rikonvenzjonata o meno; u ghalhekk se mai, f'tali eventwalita`, l-konvenuta rikonvenzjonanta ghandha tiftah proceduri ghal danni separatament u sussegwenti ghall-eventwali decizjoni fil-kawza t'annullament. B'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti wkoll illi fi kwalunkwe kaz u kif inhu risaput fil-gurisprudenza nostrana, gjaladarba tali spejjez huma konsumabbli u ma jistghux jigu rkuprati, il-gustizzja tirrikjedi li jigi rikonoxxut il-ftehim implicitu ta' bejn il-partijiet fir-rigward id-divizjoni tal-ispejjez relattivi ghat-tieg u d-dar konjugali.

10. Illi l-esponent ma jopponix ghall-ghaxar talba li jinhatar nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ghall-qasma u likwidazzjoni, u li jinhatar kuratur fl-eventwali kontumacja, b'dana illi kuratur ghandu jitqabbad ukoll ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuta rikonvenzjonanta nnifisha, fuq l-att ta' divizjoni.

11. Illi l-esponent ma jopponix ghall-hdax il-talba li l-konvenuta rikonvenzjonanta tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` A

12. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tnax-il talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta.

13. Illi finalment, l-esponenti jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attur ighid li hu u l-konvenuta kienu zzewwgu fid-9 ta' Mejju, 2012 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal u lanqas gie kkunsmat iz-zwieg taghhom.

   Dwar il-komunjoni tal-akkwisti jispjega illi d-dar matrimonjali kienet parafernali ghalih u dan jirrizulta anke minn skrittura li kienu ghamlu qabel ma zzewwgu ghand in-Nutar. Izid ighid li fil-mori tal-proceduri l-konvenuta kienet telqet mid-dar konjugali, izda kienet zammet l-access u

dan peress li kienet halliet xi affarijiet personali taghha. Jikkonferma li llum hu jghix fl-istess dar matrimonjali.

Bejniethom hemm xi depoziti bankarji mal-Bank of Valletta plc f'isem il-konvenuta u kien hemm xi oggetti u mobbli. Il-konvenuta ukoll kellha d-depoziti bankarji taghha li kienu jezistu qabel iz-zwieg u li huma identifikati fl-iskrittura notarili. Izid ighid li kien hemm xi dizgwid bejniethom dwar kif tnehhew xi mobbli parafernali taghhom.

Dwar il-manteniment, l-attur jinsisti li m'ghandu jkun hemm ebda manteniment dovut u dan peress li t-tnejn jahdmu.

Dwar ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg ighid li l-konvenuta kienet hbiet xi problemi serji minnu u dan jistghu jiggustifikaw ghalfejn rari kellhom mumenti ta' intimita' fiz-zwieg taghhom u jikkonferma li lanqas f'dawk il-mumenti kienu kkunsmaw iz-zwieg.

Jichad li kien hu u l-fatt li kienu jiehu l-medicini li wassal ghas-separazzjoni u jwahhal fil-konvenuta peress li kellha problemi li anke l-professjonisti kienu kkonfermaw.

Jammetti li fl-ahhar sena taz-zwieg kien ghamel hiltu sabiex iwaqqaf iz-zwieg peress li nduna li l-problema tal-intimita' kienet ser tfarrakhom fil-futur. Il-konvenuta ghamlet minn kollox sabiex jibqghu flimkien, minkejja li fil-fehma taghha kien tort tieghu.

Meta l-attur xehed ulterjorment, ipprezenta dokument dwar l-introjtu tal-partijiet, li jinkludu fihom l-impjiegi *full-time* kif ukoll dawk *part-time*

skond id-dikjarazzjoni tal-*income tax*. Jikkonferma li l-ammont huwa ta' €85, 197.[1]

Jispjega fl-istess dokument, ikkalkola l-kera li kieku kellhom ihallsu kieku krew id-dar matrimonjali li hija tieghu. L-ammont ta' €19, 000 kif ikkalkolat jirrapprezenta n-nofs filwaqt li l-ammont ta' €635 fix-xahar ikkalkolah bhala kera ta' kif kienet qed tmur ghall-habta tas-sena 2012.

Esebixxa ukoll l-ispejjes li kien hallas mid-data tas-separazzjoni *de facto* u cioe' Ottubru, 2016 sa Mejju, 2017, meta l-konvenuta vvakat id-dar matrimonjali. Jikkonferma li dawn il-flus hargu mill-*joint account* taghhom u l-ammont ta' €1324 huwa diga' diviz minn nofs.

Il-parti mmarkata D fl-istess dokument jirrapprezenta dhul fiz-zwieg sa Ottubru, 2016, li ma jinkludix pagi. L-ammont ta' €5,500 jirrapprezenta biss l-interessi ggenerati matul iz-zwieg fuq il-flus li kellha H qabel iz-zwieg.

Fil-parti E, l-ammont ta' €38,495 huwa *loan repayment* fuq il-proprjeta' tieghu matul iz-zwieg, filwaqt li l-ammont ta' €29,793 huwa ammont li qed tippretendi l-konvenuta, li qed jikkontesta.

Jikkonferma li kienu saru ammeljoramenti fil-proprjeta' tieghu matul iz-zwieg u dawn kienu jammontaw ghal €1,236.

B'referenza ghad-dokument SF2 jispjega illi jaqbel illi kienu nxtraw xi oggetti bhala a*ssets* fid-dar matrimonjali, izda jikkontesta l-valur ta'

[1] Doks. SF1 u SF 2

€12,816, meta dan effettivament ghandu jirrifletti l-valur ta' €12,616 u ghalhekk sehem il-konvenuta huwa ta' €7,608.

Jikkonferma li kien hemm diversi oggetti li hadet il-konvenuta maghha meta telqet mid-dar matrimonjali, meta dawn kienu taghhom it-tnejn. (Sezzjoni G).

Jikkonkludi billi jghid li l-konvenuta qed tippretendi l-ammont ta' €29, 793 minhabba li tallega li l-attur ikkommetta qerq fil-konfront taghha, filwaqt li hu qed jippretendi l-ammont ta' €19, 000 minhabba qerq kommess da parti tal-konvenuta fil-konfront tieghu.

L-ammont li qed tippretendi l-konvenuta ghall-ispejjes tat-tieg mhux minnu skond l-attur u dan peress li ma dahaq b'hadd, anzi kienet il-konvenuta li kienet hbiet hafna affarijiet minnu. Jopponi ghall-hlas tal-istess u dan peress li lanqas ma hemm rifuzjoni fuq il-VAT u inoltre kien hallas ghall-hwejjeg ohra bhall-ilbies tal-irgiel fl-ammont ta' Eur.425 u kien hallas ukoll il-kappara fuq dawn il-hwejjeg u xi €200 fuq il-fjuri.

Dwar it-tieg jichad li ma ghamel xejn u fejn seta' ghen bhalma kien gab is-sala tat-tieg b'xejn u kien anke pprepara l-ktieb tal-quddies.

Qed jitlob lura ukoll ic-curkett li ommu kienet tat lill-konvenuta, liema curkett kien jappartjeni lin-nanntu u ghalhekk ghandu valur sentimentali.

In kontro-ezami, l-attur jispjega illi wara sentejn li kien telaq mis-seminarju peress li kellu *euphoric feeling*, Dr. George Debono kien issuggerieli li jibda jiehu l-*lithium* u dan kien ghall-habta tas-sena 1997 u ghadu jehodha sa llum. Kien qallu li biha jibqa' stabbli u ilu hekk ghal 27 sena.

Jikkonferma li kien qallu li din il-medicina seta' jkollha *side effects* bhal *tremors* f'idejh. Inoltre jrid jaghmel *blood tests* regolari sabiex jiccekkja l-livell tal-*lithium* li jrid ikun bejn 4 u 5 u dan ukoll isir sabiex jigi vverifikat li ma jkunx hemm problemi fit-*thyroid.*

Dwar Miriam Borg Courgen (recte: Mary-Ann Borg Cunen) ighid li kien mar jaraha ghaliex kienet *counsellor* tajba u kienet tghin lil kull min kien jitlaq mis-Seminarju u kienet rinomata f'dan il-qasam. Ighid li ma hassx il-bzonn li jtelaghha bhala xhud. Kien mar ghandha biss darbtejn ghax fil-fehma tieghu l-ghanijiet ghalfejn kien mar ghandha kien lahaqhom.

Jispjega li l-konvenuta kien qallha li qed jiehu l-*lithium* qabel l-gherusija. Waqt li kien is-seminarju kellu *breakdown* u apparti l-*litium* ighid li Dr. Debono kien ippreskrivilu ukoll Amirol. Jikkonferma li dwar l-konvenuta ma kienx semma l-Amirol, izda kien hadha ghand Dr. Debono u spjegalha x'kien garalu u li kien ahjar, izda li setghet terga' tigrilu. Kien qallha ukoll li setghet isaqsi lit-tabib li riedet u anke setghet tmur ghandu wahedha. L-istess kien ghamel ma' tfajla ohra li kien interessat li jizzewweg u hadha ghandu. Il-konvenuta kienet ukoll tkellmet ma' Fr.Jesmond Manicaro, li kien jaf dwar il-problemi tieghu.

Ighid ukoll li meta marru ghand Dr. Brincat kien issuggerixxa li jkollhom intimata' xi gimaghatejn qabel iz-zwieg u ried jopera lill-konvenuta minhabba *polycystic ovaries,* izda rrifjutat. Imbaghad kienu marru ghand Dr.Elaine Grech psyhcologist biex jahdmu fuq dak li *jsejjah emotional connectio*n tieghu mal-konvenuta.

Jinnega li dahal fiz-zwieg biex ighid li ghandu mara u mizzewweg.

Jinnega li kellu *erectal dysfunction* u jikkonferma li kien ikun hemm *foreplay* u masturbazzjoni fuq it-tnejn. Ighid li ma tantx kien hemm *petting*, izda kien jixtrilha l-fjuri u anke jaghtiha kartolina. Jattribwixxi l-fatt li m'ghamlux certi affarijiet qabel iz-zwieg minhabba t-twemmin taghhom.

Waqt il-*foreplay* kien irid li jkunu iktar intimi, izda l-konvenuta kienet turih li ma tridx jew ma setax ikun hemm penetrazzjoni kompluta. Jinnega ukoll li kien regimentali.

Izid ighid li l-konvenuta kellha diversi problemi, tal-*vaginismus, polycystic ovaries* u kienet tevita li tkun intima mieghu. In kontro-ezami jammetti ukoll li kien necessarju ghalih li jara l-pornografija biex jistimula ruhu ghax la wahda u lanqas mal-konvenuta kien ikun kapaci.

Izid ighid li l-konvenuta kienet persuna dominanti u kienet tattribiwxxi l-problemi li kellhom fiz-zwieg kollha lilu. Ghalih il-problema kienet da parti taghha minhabba l-*vaginismus.*

Jikkonferma ukoll li kien hu li ha d-decizjoni li jisseparaw.

2.**Il-konvenuta** kkonfermat li kienet saret kitba taz-zwieg dik il-gimgha stess tat-tieg dwar il-flus taghhom it-tnejn u anke l-kontijiet bankarji.[2] Tikkonferma li kienet saret fuq l-insistenza taghha. Tghid li ma giex indikat il-kont tal-HSBC fil-kitba taz-zwieg peress li kien hemm il-genn tat-tieg u l-attur ma riedx jiffirma u ghalhekk spicca nizzlet dak li setghet.

[2] Dok. HSF

Tikkonferma ukoll li kienet hallset l-ispejjes tat-tieg.

Fl-2010 tispjega li kienet tmur ghand Dr. Mark Brincat ghax kellha *fibroid* zghira u kienet tinviztah regolarment biex ticcekkja. Tispjega li kellha tmur taghmel l*aparoscopy* u rieduha tiffirma sabiex it-tabib jaghmel raxxkament, izda rrifjutat. Tghid li dak iz-zmien ma hassitx l-importanza tar-raxxkjament peress li ma kinitx attiva sesswalment peress li ma kinux ghadhom mizzewwgin u ma xtaqitx titlef il-verginita' taghha qabel iz-zwieg minhabba raxxkjament. Tikkonferma li ghalhekk m'ghamlitx l-operazzjoni tal-*fibroid* peress li tghid li ma kinitx taffettwa s-sesswalita'.

Skond il-konvenuta kienu ltaqghu waqt ikla l-lukanda Excelsior l-ewwel darba f'Gunju, 2009. Imbaghad kienu ltaqghu kumbinazzjoni f'April, 2010 meta attendiet il-quddiesa Alive on Sunday fil-Kappella tal-Universita' u f'Mejju bdew johorgu flimkien, ghalkemm ma kinux jiltaqghu kuljum .

Fiz-zmien l-gherusija tghid li l-attur kien persuna kalma u gentilom. Kien jaghtiha l-fjura kull xahar u dan kwazi sakemm izzewwgu, izda malli zzewwgu dawn kienu waqqfu. Tghid ukoll li kellu valuri Kristjani tajbin, izda xi kultant kienu esagerati.

Dwar l-attur tistqarr illi kienet bdiet tinnota hafna stramberiji fil-karattru tieghu. Kienet tinduna li kien jiccassa. Kien skrupluz hafna u kien anke kienet saret taf li kellu xi keloids li probabilment kienu l-effett tal-breakdown li kellu fiz-zmien li kien is-seminarju, Tghid ukoll li omm l-attur kellha influenza kbira fuqu, specjalment fejn kien jidhol ir-religjon.

Kien zzewwgu f'April, 2012 u meta ddecidew li jizzewwgu kienu ddiskutew id-dar. L-attur kellu proprjeta' tieghu, izda l-konvenuta xtaqet li jkollhom dar flimkien. Kienu ddecidew li jibdew ighixu fid-dar tal-attur u wara z-zwieg bdew ifittxu *maisonette*, izda l-konvenuta bdiet tinduna li l-attur kien xettiku li jmorru jghixu band'ohra.

Fl-gherusija tghid li l-attur kien diga' nofsu qassis u kien jibqa' lura fil-karezzi. Tghid li qatt ma kien jinkuragiha sabiex ikunu *close* u kienet tirrispetta il-fehma tieghu. Ma kienx hemm kuntatt fiziku, xejn iktar minn tghanniqa u bewsa. Meta zzewwgu skopriet li ma kienx jitqanqal jekk mhux quddiem film pornografiku, kif wiehed jistenna peress li kellu ED.

Izzid tghid li minhabba l-ED ghalkemm xtaqet it-tfal iz-zwieg ma giex ikkunsmat u ghalkemm kienet tinsisti mal-attur sabiex jaghmlu t-testijiet dan qatt ma mar. Tghid li l-attur kien hbieblha dawn il-problemi u minhabba f'hekk impediha milli ssir omm.

Dwar iz-zwieg, il-konvenuta tishaq li li kienet hallset l-ispejjes kollha hi u kienet herqana, minkejja li llum tahseb li l-attur ma kienx ihossu l-istess. Fl-ewwel lejl taghhom fil-lukanda, meta giet biex tnehhi l-libsa tat-tieg, tghid li l-attur beda jitrieghed u kien baqa' ccassat qisu statwa u kien ovju li qed jiskrupla. L-istess kien gara fl-ewwel gurnata tal-honeymoon u dan meta kien ser ikollhom l-ewwel relazzjoni sesswali, izda l-attur ma kellux *full erection* u zgur ma kienx hemm sess komplut. Ir-reazzjoni tal-attur immedjatament kienet li ghandhom problema u kellhom bzonn *counselling*. Tghid li l-attur kien nieqes minn kull gibda u emozzjoni. Il-problema kienet l-ED (Erectile Dysfucntion) u tichad ghal kollox li kellha problema ta' *Vaginismus*.

Ittenni ukoll li fil-proceduri tan-nullita' taz-zwieg quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, apparti li gie annullat iz-zwieg minhabba li qatt ma gie kkunsmat, inghata dispensa fil-konfront tal-attur li jikkonferma li ghandu problemi.

Ittenni li ma kinitx tkellmet mill-ewwel ghaliex kienet hadet il-weghdet taghha fiz-zwieg u ghalhekk ma riditx tahrab minnhom, izda ddispjacuta li l-attur qarraq biha peress li kienu problemi li kienu jezistu qabel iz-zwieg u kien jaf bihom. Kien hadha ghand tobba li kienu ser jaqbzu ghalih u riedu jbelghuwilha li l-medicini li kien jiehu kienu *herbal.*

Fil-bidu taz-zwieg kienu jqattghu hin flimkien u kienu jaqsmu x-xoghol fid-dar. Kienu anke jhobbu jsajjru flimkien. Kellhom ukoll *joint account* flimkien, li fih kienet tpoggi l-paga taghha sabiex jaqtghu mil-loan. Tghid li kienet tafda lill-attur bil-finanzi.

Tghid li kellhom xi jghidu fuq il-fatt li l-attur riedha titrasferixxi l-flus li kellha mgemmghin qabel iz-zwieg fil-kont taghha, izda rrifjutat, iktar u iktar meta ma riedx ighaddilha nofs l-appartament wara li kienet hallset parti minnu. Fil-fatt tikkonferma li fil-kitba taz-zwieg li kienu ghamlu qabel ma zzewwgu kien hemm referenza ghal dawn il-flus. [3] Tikkonferma li fil-fatt l-attur kien hallasha l-flus li kienet harget peress li ma riedx idawwar sehem il-konvenuta fuq il-post.

Fiz-zwieg bdiet tinduna li kien hemm iktar problemi li kienu jispikkaw u gieghluha tahseb hazin. L-attur kien jippretendi li jipprogramma meta kienu ser ikunu intimi, imbaghad jispiccaw li jkun hemm f*oreplay* biss u

[3] Dok. Z anness mal-affidavit.

mhux l-att sesswali minhabba l-ED tal-attur. Izid tghid li kienet konsapevoli li l-attur kien qed jiehu l-*lithium*, izda kienet biss taht l-impressjoni li kien qed jiehu wahda, izda fil-fatt kien qed jiehu tnejn.

Mid-dar matrimonjali spiccat li ma haditx hafna affairjiet ghax ghalkemm l-Qorti ordnat lill-attur sabiex ighaddilha l-oggetti personali taghha, kien mela' l-kaxex bl-imbarazz. Kien anke ghaddielha l-laptop u l-Ipad izda kien pogga l-password li hu biss kien jaf u ghalhekk ma setghetx taghmel uzu minnhom. Dan biex turi kemm kien vendikattiv.

L-istess jirrizulta meta kien telaghha l-Qorti ghax akkuzaha li kienet serqet l-kamra tas-sodda mid-dar meta din kienet parafernali. Fuq kollox kemm hu kif ukoll l-avukat tieghu baqghu ma deherux il-Qorti.

Kienet indunat li kien ikollu hafna *hallucinations,* tant li kienet tibza', imbaghad l-attur lanqas ikollu ideja. Kienet tinduna li dan l-agir ma kienx wiehed normali u meta tkellmet ma' Julian, hu l-attur, dan donnu kien jaf u evita jitkellem dwar dina l-problema. Ma setghet titkellem ma hadd fuq dawn il-problemi peress l-attur kien talabha biex izommuha bejniethom.

Peress li verament kienet thobb lill-attur, kienet marret mieghu sabiex jitkellmu mat-tabib kuranti taghhom Dr. Stefan Fenech li rreferihom ghand Dr. Norbert Vella, izda l-attur qatt ma mar.

Bhala rizultat ta' dan bdew jorqdu f'kmamar separati. Saret taf ukoll li kellu l-istess problemi meta kien qieghed is-Seminarju sabiex jistudja sabiex isir qassis. Tishaq li l-attur qatt ma ried ighidilha x'gara ezatt fis-

Seminarju u lanqas il-familja tieghu kienu jevitaw li jitkellmu dwar dan il-perjodu tal-attur peress li kien ghadda minn depressjoni qawwija. Dr. George Debono, li kien jikkura l-attur kien qallha ukoll sabiex izommu 'l boghod ma' attivitaijiet u postijiet relatati mal-Knisja peress li ma kinux jaghmlulu gid. Kien anke ammetta maghha li xi kultant kien jara films pornografici.

Tghid li ghalkemm kienet talbet lill-attur sabiex ighidilha x'pilloli kien jiehu waqt li kien qieghed is-Seminarju, irrifjuta li jghidilha.

Il-konvenuta tkompli tghid li l-attur kien anke jiftah qalbu mal-Madre Marija li kienet Madre Superjura fil-kunvent tas-Sorijiet ta' Haz Zabbar u hafna drabi kien icemplilha bil-lejl. Kien ammetta maghha li kien jibza jibqa' wahdu, imma kien jibza li jizzewweg.

Minhabba dawn il-bizghat u d-dwejjaq li donnha kienet qed tghix wahedha, il-konvenuta ddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali u halliet kollox warajha, izda qabel ma hadet dina d-decizjoni kienet anke marret mieghu ghand Dr. John Mifsud, li qatt ma ezamina lill-attur, izda minflok ried jezaminaha internament sabiex tirrilaxja fil-parti intima taghha u rrifjutat. Il-verita' kienet li kienet thobbu u qatt ma kellha l-hsieb li ttemm iz-zwieg.

**Finanzi**

Il-konvenuta qed titlob li tinghata lura l-ispejjes li harget ghat-tieg li kienu jammontaw ghal €28,856.66.[4] Tikkonferma li kienu ghamlu kitba taz-zwieg fl-4 ta' Mejju, 2012 quddiem in-Nutar Pierre Cassar.[5] Fl-istess kitba

---

[4] Vide prspett Dok. XXX anness mal-affidavit tal-konvenuta
[5] Dok. Z anness

hemm iddikjarat kemm kellha flus qabel ma zzewwget u dan kien fl-ammont ta' €119,072.91. Tammetti ukoll li fl-istess kitba bil-genn kienet halliet barra akkont f'isimha mal-Bank HSBC Bank Malta plc. Fejn kien jigi ddepositat is-salarju taghha mal-Visual Trends.

Izzid tghid li kienet ikkontribwit sabiex inxtrat il-kcina, il-main bathroom, kamra tas-sodda principali, *living room*, studju u accessorji ohra li thallsu mill-*Joint Account* b'kollox €12,865.66, apparti €450 li hargu l-genituri ghall-ispejjes tan-*netting* u *double glazing*.

2. **Alison Mifsud Brimmer** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li f'isem l-attur kien hemm kont wiehed,[6] filwaqt li f'isem il-konvenuta jirrizulta li kien hemm seba' kontijiet bankarji.[7]

   Ikkonfermat li r-ricerka kienet fuq credit cards ukoll, izda mhux fuq investimenti.

3. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizulta li f'isem il-konvenuta kien hemm tlettax-il kont bankarju, izda pprezentat rendikont ta' disa' minnhom.[8]

   F'isem l-attrici jirrizulta li kien hemm tmien kontijiet bankarji, izda kienet ser tipprezenta biss rendikonti ta' seba' kontijiet bankarji.[9]

[6] Dok. AMB 1
[7] Dok.s AMB 2 – AMB 8
[8] Doks. JB 1 – JB 9
[9] Doks. JB 10 – JB 16.

Bhala *joint accounts* tghid li jirrizultaw li kien hemm tlett kontijiet bankarji.[10]

Bhala credit cards tikkonferma li kien hemm wiehed f'isem il-konvenuta u erba' f'isem l-attur[11]. Tghid ukoll li kien hemm *supplementary card* fuq il-konvenuta.

Iktar tard ipprezentat erba' statements ohra f'isem il-konvenuta[12] u statement iehor f'isem l-attur.[13]

4. **Rebecca Micallef** in rapprezentanza ta' APS Bank Malta tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet kien hemm kont wiehed f'isem l-attur.[14] F'isem il-konvenuta rrizultaw tnax-il kont[15] u pprezentat ukoll is-*summary* taghhom.[16]

5. **Jeanette Lepre** in rapprezentanza ta' Lombard Bank tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet jirrizulta li kien hemm kont ta' tip *savings* f'isem l-attur.[17]

6. **Laurence Bugeja** in rapprezentanza ta' Mater Dei Hospital ipprezenta l-*file mediku* tal-konvenuta.[18]

---

[10] Doks. JB 17 -JB 18 u Dok.JB25 a fol. 85
[11] Doks. JB 19 – JB 24
[12] Dok. Jb 20 – Jb 23
[13] Dok. JB 24
[14] Dok. RM 1
[15] Doks. RM 2 – RM 13
[16] Dok. RM 14
[17] Dok. JL 1
[18] Dok. LB

7. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus esebixxa l-employment u registration history tal-partijiet.[19]Ipprezenta ukoll dokumentazzjoni tal-Personal Action Plan tal-konvenuta, kif ukoll dokument li juri l-*qualifications* u l-obbligi tal-konvenuta li qisu CV.[20]

8. **Stephen Baldacchino**, in rapprezentanza tal-BNF Bank ikkonferma li mir-ricerka li ghamel jirrizultawlu s-segwenti kontijiet:-

   i) Kont kongunt mal-konvenuta tat-tip kont kurrenti 304468.10.001 li llum jinstab maghluq;[21]
   ii) Term account 304468.20.001 li llum jinstab maghluq.[22]
   iii) F'isem il-konvenuta wahedha erba' term deposit accounts li llum kollha jinstabu maghluqa.[23]

9. **Ruth Agius** rapprezentant tal-Bank of Valletta Asset Management fil-kapacita' taghha ta' *compliance manager* ikkonfermat li kien hemm investiment li sar mill-konvenuta fl-2004 u kollox kien gie migbud fl-2007 u kkonfermat ukoll li l-bilanc huwa zero.[24]

10. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta informazzjoni dwar vetturi li kellhom jew li ghandhom il-partijiet.[25]

11. **Peter Gatt** in rapprezentanza tal-APS Bank ipprezenta diversi dokumenti ndwar l-introjtu tal-konvenuta.[26] Jikkonferma li hi tahdem bhala *clerk* mal-

---

[19] Doks. JS 1 – JS 4
[20] Doks. JS 5 u JS 6
[21] Doks. SB 01 – SB 02
[22] Dok.SB 03
[23] Doks. SB04-SB09
[24] Dok. RA
[25] Doks. TM 1 – TM 4
[26] Doks. PG 1 PG 3

bank u tahdem fil-cash services unit. Ipprezenta ukoll kopja tac-CV tal-konvenuta u l-applikazzjoni ta' meta dahlet mal-Bank.[27] Ipprezenta ukoll il-*collective agreement* tal-Bank.[28]

Jispjega illi l-*basic salary* ghas-sena 2018 *revised* kien ta' €17, 845 *basic pay.* Il-paga tizdied skond il-*performance* tal-konvenuta u dan skond ma hemm stipulat fil-*collective agreement* mal-Bank. Jista' jkun li jkun hemm zieda fil-percentagg.

Jikkonferma li l-konvenuta tista' tavvanza fil-karriera taghha pero' trid tapplika ghal meta jkun hemm *vacancy.*

Dwar l-overtime ighid li jezisti, izda mhux obbligatorju u jista' jigi impost mill-Bank .

12. **Miriam Sultana**, in rapprezentanta tal-Malta Stock Exchange pprezentat dokumentazzjoni dwar *stocks* li seta' kellhom il-partijiet.[29] Ikkonfermat li f'isem il-konvenuta ma kien jirrizulta xejn, filwaqt f'isem l-attur kien hemm MSE Account 9140042 fejn illum il-bilanc huwa zero. Tikkonferma li fit-12 ta' Settembru, 2011, kien biegh l-ahhar *shares* mal-Bank of Valletta plc.

13. **Dr. George Debono**, psikjatra, ighid li ilu jaf lill-attur mis-sena 1989 meta kien qed jistudja sabiex isir qassis is-Seminarju. Kellu *depression* waqt li kien qieghed fit-tieni sena tieghu fl-istudji ta' qassis. Kien ha l-pilloli ghal xahrejn jew tlett xhur, imbaghad kellu r*elapse* fit-tielet sena.

---

[27] Dok. CV1
[28] Dok. CV 2
[29] Doks. MSE 1 – MSE 3

Jispjega li dejjem tah *anti-depressants* mhux qawwijin u li mhumiex *addictive* u dejjem tah doza baxxa. Ighid li beda jinduna li l-krizi tieghu kienet wahda vokazzjonali li tkun difficli sabiex taccettaha.

Fir-raba' sena rega' kellu r*elapse* u kien rega' tah pilloli izda b'doza akbar peress li d-*depression* kienet iktar qawwija.

Is-sitwazzjoni tieghu ma baqghetx tajba sakemm fis-sitt sena tant kien *hyper* li wasal sabiex kellu *hypomania* iktar mid-darba ta' qabel u kien ippreskrivilu *anti psychotics.* Kien irrakkomanda li kien ahjar li jitlaq is-seminarju imma kellu hafna pressjoni mis-superjur tieghu. Kien fl-1993 li ddecieda li jieqaf u f'Jannar 1994 beda jahdem, pero' kien ikollu episodji ta' *depression,* l-iktar minhabba li kien ghadu jtambar fuq id-decizjoni li jitlaq mis-seminarju. Bejn is-snin 1995 u 1996 kien beda jara *fluctuations.*

Peress li kien tah il-*hypos,* seta' kien hemm il-possibilita' li kien *bi-polar* u ghalhekk kien tah il-*lithium,* li huwa *mood stabiliser* u hadem perfettament. Itenni li l-attur rega' gie ghan-normal.

Fl-2006, l-attur ried iwaqqaf il-*lithium* peress li kien hareg mill-problema tal-vokazzjoni u kien stabbli fuq ix-xoghol, izda meta nehhih rega' kien gie *high* u ghalhekk kien irrakkomandalu sabiex jerga' jiehu l-*lithium* u tul dan il-perjodu, kien hemm perjodu qosra fejn kien *down*. Ikkonferma li jekk ma ttiehdix id-doza tajba, il-l*ithium* jista' jasal biex joqtol dak li jkun u ghalhekk irid isir *blood test* u jekk jaqa' fit-*therapeutic range* thallih b'dik id-doza.

Fl-2015 kien infurmah li kellu xi problemi fiz-zwieg u ghall-problemi li kellu kien jidher li kien sejjer tajjeb. Kien irrakomandalu li kemm hu kif

ukoll il-konvenuta ghandhom imorru ghand Dr. John Mifsud, psikjatra li jispecjalizza fis-*sex therapy* peress li skond l-attur fi tlett snin zwieg qatt ma kellhom intimita' proprja. Ikkonferma li kien jaf li kienu marru, izda ma jafx ghalkemm.

Dwar jekk il-konvenuta kinitx taf dwar dawn il-problemi, itenni li jiftakar jiltaqa' maghha u jispjegalha li l-attur kien taht kontroll u sa fejn ftakar kien qabel iz-zwieg. Kien avzaha pero' li rega' seta' jaqbdu.

Ma jiftakarx jekk kienx hareg certifikat qabel ma zzewweg l-attur.

14. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni dwar beneficcji li rcevew il-partijiet tul dawn l-ahhar ghaxar snin.[30] Hadu l-*marriage grant* u hargu zewg cekkijiet separati fl-ammont ta' €258.64, kif ukoll l-*unemployment benefit*.

15. **NS** kkonferma li kien ilu jaf lill-attur tul dawn l-ahhar tlett snin u nofs meta sar manager tar-Rizorsi Umani ta' VJ Salomone Ltd., fejn jahdmu t-tnejn li huma. Jikkonferma li l-attur jahdem bhala Senior Business Analyst u huwa rrispettat hafna fil-kumpanija. Jishaq li l-attur dejjem refa' r-responsabbilita' u qeda' dmiru b'mod professjonali u etiku u qatt ma kien assoggettat ghal xi azzjoni dixxiplinarja.

16. **D L** kien gar tal-partijiet u kien sar jafhom meta kien xtara appartament fl-istess blokk fejn kienu joqoghdu l-partijiet. Hu u l-attur kienu ghamlu zmien jamministraw il-blokka appartamenti. Meta sar jaf li l-paritijiet

[30] Dok. ST 1 u ST 2

kienu ser jisseparaw kien ghenu sabiex jaraw jistghux isolvu l-problemi taghhom.

17.**R E** huwa wiehed mill-akbar hbieb tal-attur u ilu jafu ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Ighid li jiffrekwentaw lil xulxin regolarment u ihares lejh bhala persuna ta' integrita' u li taf fejn qieghed mieghu. Jispjega li l-attur huwa persuna li jaf jikkomunika tajjeb u jiehu hsieb hafna lill-hbieb tieghu, tant li dejjem kien hemm ghalih u ghall-familja tieghu meta kellu problemi.

Dwar ir-relazzjoni tal-partijiet, ighid li ghal bidu kienu jidhru ferhanin, izda maz-zmien l-attur beda jghidlu li kellhom il-problemi, pero' ma kienx tah dettalji personali. Izid ighid li huwa konsapevoli li l-attur ghamel hiltu biex isalva z-zwieg, izda meta rah li ma kienx hemm cans, iddecieda li jmexxi b'separazzjoni.

18.**J MB** huwa kollega tal-konvenut u kienu hadmu flimkien sa mis-sena 2002 fuq diversi progetti u hidmiet relatati mal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-informatika. Kien inhatar Kap tad-Dipartiment tal-Business Intelligence fi hdan PTL Ltd fl-2013 u l-attur kien inghaqad mat-tim tieghu u kienu hadmu flimkien ghal xi sentejn. Ighid li bhala parti mit-tim l-attur kien ta' valur ghaliex kien kommunikatur tajjeb u ghalhekk kellu relazzjonijiet tajbin mal-kollegi.

Ighid li l-attur kien inghaqad mat-tim bhala konsulent dwar l-intelligenza kummercjali u taht it-tmexxija tieghu kien hemm kontribut siewi. Kien impjegat tajjeb hafna li ghen sabiex il-kumpanija timxi 'l quddiem. Ghandu l-hila ukoll li jzomm rabta eccellenti mal-klijenti.

19. **J SF** hu l-attur, jispjega li hu u martu kienu jiltaqghu maghhom u kienu jidhru kuntenti bhal kull koppja. Jishaq pero' li f'daqqa wahda bdew ighagglu l-affarijiet fis-sens li ddecidew li jitgharrsu u ftit wara ghamlu d-data taz-zwieg. Malli zzewwgu kien jidher li ghandhom il-problemi u beda jissusspetta peress li l-attur kien imur jiekol ghandhom, filwaqt li l-konvenuta kienet tmur tiekol ghand il-genituri taghha. Kien hemm mument fejn kienu marru ghandhom ghall-ghajnuna fejn l-attur ried jissepara, filwaqt li l-konvenuta baqghet tinsisti li ghandhom jippruvaw isalvaw iz-zwieg.

20. **A SF** ighid li l-attur kien qallu fl-2010 li kien beda johrog mal-konvenuta. Ghalkemm ma kinux jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss, kien jidher li kienu kuntenti. Jispjega li l-iktar haga li laqtitu kien meta kienu qed ilestu ghat-tieg u donnu kien hemm preokkupazzjoni zejda.

Ighid ukoll li kien raha haga stramba li wara li zzewwgu f'Mejju, 2012 kienu marru jqattghu l-btajjel mal-genituri ta' H, minflok marru *honeymoon.* L-attur kien ammetta mieghu li kienu jmorru ta' spiss ghand il-genituri tal-konvenuta.

Jispjega li ghalkemm l-attur huwa bniedem rizervat u ma tantx kien jitkellem fuq il-hajja privata tieghu, kien darba cempillu biex ighidlu li kellu problemi mal-konvenut u maz-zmien, jidher li l-problemi bejniethom iktar agravaw. Kien jara li l-attur ma kienx hu nniffsu u lanqas ma kien attenda ghar-riceviment tal-anniversarju taghhom.

Kien ghalhekk li kien baqa' in kuntatt mal-attur u li dan kien fetah qalbu mieghu u kien qallu li ma kienux ikkunsmaw iz-zwieg. Pero' jghid li l-attur ma qasamx mieghu dettalji personali dwar il-konvenuta.

Jikkonferma ukoll li sakemm il-konvenuta ma baqghetx tidhol fid-dar matrimonjali, peress li l-attur ma tantx kien ihossu sikur gieli kiel ghandhom u nduna ukoll li kien qed iqatta' hafna hin mal-genituri taghhom, sakemm ha lura l-pussess tad-dar.

21. **Fr. Dione Cutajar** ikkonferma li l-attur kien seminarist fiz-zmien li kien Rettur fis-Seminarju Tal-Virtu' bejn l-1990 -1993 u kien qed jistudja sabiex isir patri. Ighid li kien ezemplari u religjuz hafna. Izid ighid li kien sorpriz meta sema' li l-attur kien telaq mis-seminarju.

22. **Profs Mark Brincat** huwa l-ginekologu tal-konvenuta. Ighid li kienet marret ghandu l-ewwel darba meta kellha xi sbatax-il sena u regghet marret ghandu ghall-habta tas-sena 2010 minhabba "painful periods." Mill-*ultrasound* irrizulta li kellha *fibroid* ta' 4 cm u rrizulta ukoll PCO li hi haga komuni fi 20% /25 % tan-nisa Maltin.

Jispjega li kien hemm history ta' *heavy periods* fil-familja taghha u ghalhekk kien issuggerixxa li jsri *laparoscopy* biex jeskludi li kien hemm *endrometriosis j*ew le. Izid ighid li endrometriosis taghtik "painful periods" u hi relatata ukoll ma' PCO u iktar ma tikber iktar hemm cans li tizviluppa.

Itennni ukoll li l-attrici ma xtaqitx li ssirilha *smear test* peress li kienet ghadha vergni, izda jikkonferma t-test jista' jsir u tibqa' vergni, izda ma kinitx marret ghandu ghall-*ismear test*.

Jikkonferma li l-konvenuta kienet dahlet l-isptar sabiex jaghmlilha l-*laparoscopy* u *smear test* isir jekk ikun il-kaz wara diskussjoni mal-pazjenta. Gie deciz mal-konvenuta, li ssir il-*laparoscopy* minghajr *vaginal access.* Pero' jghid li lanqas dan ma sar peress li bezghu li l-*hymen* ma tkunx hemm fl-ewwel lok u jinzammu responsabbli u ghalhekk gie deciz li ma ssirx l-operazzjoni gialadarba l-konvenuta ma kinitx kuntenta li ssirilha *vaginal examination.*

Il-partijiet kienu regghu marru jzuruh fit-23 ta' April, 2012 u dan kien gimaghatejn qabel iz-zwieg. Il-konvenuta riedet taghmel *follow u*p tal-*fibroid* u kkonfermat li sa dak iz-zmien kienet ghadha vergni u riedet tibqa' hekk sakemm tizzewweg.

Minn dakinhar ighid li ma rahix izjed u jikkonferma li kien baqa' li qatt m'ghamel *vaginal examination* u kien issuggerixxa li fil-futur tnehhi l-*fibroid* u ghalhekk mhix inkonvenjenza ghat-tqala, trid tigi mmoniterjata sabiex jigi ddeterminat jekk hix qed tikber jew le.

Jixhed u jistqarr li kien issuggerixxa li jsiru l-*laparoscopy, dye test*, D&C u *smear test,* ghax kien hemm suspett qawwi mill-history tal-konvenuta, mill-*ultrasound* kif ukoll mill-*blood tests,* li kellha *polycystic ovaries* u xi *fibroid u* dawn it-tests kienu jkunu konferma ta' dan. Jikkonferma li kien rah il-*fibroids* permezz tal-*ultrasound.*

Ighid ukoll li kien rah bejn il-perjodu tas-sena 2010 u 2012 u tul dan iz-zmien il-*fibroid* kienet baqghet l-istess.

Mill-file mediku jghid li jirrizultalu li l-konvenuta kienet inviztat gynae l-outpatients fil-31 ta' Jannar, 2017, minn fejn jirrizulta li l-f*ibroid* kienet kibret ghal daqs medju. Kien hemm iktar minn wahda u jispjega li l-*fibroid* in kwistjoni kienet wasslet saz-zokkra.

23. **Profs. John Mifsud** professur tal-psikjatrija jghid li jaf lill-konvenuta fil-kapacita' tieghu ta' sesswologu u dan kien ghall-habta ta' 2016. Jispjega li l-ewwel darba li rahom kien meta marru l-partijiet flimkien ghaliex l-attur kien haseb li seta' kien impotenti, izda meta ezaminahom irrizulta li l-konvenuta kienet tbati minn *vaginismus* li ma jippermettix li jkun hemm *intercourse.* Wara l-ezami fiziku jikkonferma li kien ghamel *mental preparation*. Il-*vaginismus* jibda b'mod psikologiku.

Generalment meta jattendu s-sezzjonijiet ikollu 100% *success rate*, izda l-konvenuta ma baqghetx tattendi u ma kienx jaf ir-ragunijiet. Biex jasal sabiex jistabilixxi x'kienet il-problema kellu bzonn ta' iktar minn tlett sezzjonijiet.

Peress li l-*vaginismus* generalment hija konsegwenza ta' problema psikologika, ma kienx hemm bzonn ta' intervent kirurgiku.

Izid ighid li bhala prassi dejjem jiccekkja lill-mara l-ewwel u jekk hemm il-htiega jiccekja lir-ragel, pero' peress li jirrizulta li kien hemm *vaginismus* ikkonkluda li l-problema kienet gejja minn naha taghha.

24.**Joseph Gatt** in rapprezentanza ta' CVA Technology Co.Ltd. ipprezenta l-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta datata 13 ta' Awissu, 2018, kif ukoll il-*payslip*s bejn Awissu 2018 u t-12 ta' Marzu, 2019.[31]

Ighid li l-konvenuta kienet irrizenjat, izda ma kienx hemm passi dixxiplinarji mehuda fil-konfront taghha.

25.**Sister Alessandra** tghid li saret taf lill-attur tramite il-Madre Superjuri, li kienet saret taf lill-attur mill-Creche ta' Tas Sliema meta kellu xi 10 snin u kien iservi bhala abbati fil-kappella taghhom. Tghid li l-attur kien baqa' in kuntatt mal-Madre.

Il-Madre kienet tghidilha li l-attur kien persuna spiritwali hafna u kellu fidi qawwija, izda kienet tinkwieta peress li kien tip ta' persuna li kien jiskrupla u ghalhekk kienet tinkwieta li jekk jizzewweg ma kienx ikun kapaci ghall-impenn. Kienet anke qassmet il-hsieb taghha li kienet tinkwieta li l-attur ried jizzewweg biex ikollu kumpanija.

Izzid tghid li qabel ma zzewwgu l-partijiet, l-attur kien icempel lil Madre u kien jibki u jibki u dan anke kien icempel fis-sieghat bikrin ta' filghodu u dan beda jigri anke wara z-zwieg bil-mohbi tal-konvenuta.

Meta kienet tkellmet mal-Madre dwar kemm kienu ser ikunu sbieh it-tfal tal-partijiet, kienet qaltliha li l-attur ma riedx tfal. Wara li mietet il-Madre kien ikkomunika maghha u kien informaha li kien qed jissepara minn mal-konvenuta.

[31] Dok. JG 1 U JG2 a-h

24. **EA** , missier il-konvenuta jitkellem dwar it-trobbija tajba li tah lill-uliedu u li kienu bhala familja ihobbu jinvestu l-hin ma' xulxin. L-unika problema li kellha l-konvenuta, itenni, kienet li tafda hafna u dak kien l-izball li kienet ghamlet mal-attur.

Meta ltaqa' mal-attur kien jidher li jirrispetta lill-konvenuta u kellu hafna manjieri tajbin u ghalhekk kellu opinjoni gholja tieghu. Ma tantx kien bniedem komunikattiv u ghalhekk kien joqghod attent fuq xiex jitkellem mal-attur. Kien jaraha li bintu kienet kuntenta hafna u din kienet l-iktar haga importanti ghalih. Kien induna ukoll li l-attur ma kienx ikun kuntent jekk kien ikellmu fuq iz-zmien tieghu s-Seminarju.

Wara z-zwieg ighid li kienu ghaddew xi sentejn u nofs u beda josserva li r-relazzjoni taghhom ma kinitx baqghet l-istess u kien beda jinduna b'certi stramberiji fl-attur. Il-konvenuta ma kinitx fethet qalbha maghom mill-ewwel, izda mbaghad kienet eventwalment qaltilhom li l-attur ma setax ikollu relazzjonijiet sesswali maghha u dan minhabba li kien taht kura psikjatrika u kien jiehu l-kura. Kien ghalhekk li fehem ghaliex kien jara lill-attur bit-*tremors* u seta' jifhem ghalfejn wara hames snin zwieg qatt ma gew tfal.

25. **AA** , omm il-konvenuta, filwaqt li tikkonferma l-verzjoni tar-ragel taghha, tghid li kienet kuntenta hafna meta l-konvenuta bdiet tohrog mal-attur. Kienet tghid lil bintha li kienet sabet xortiha peress li l-attur kien jirrispetta lilha u anke lilhom. Kien guvni serju hafna, kwazi zzejjed.

Wara certu zmien mizzewwgin, bhala omm bdiet tistenna l-gurnata li l-konvenuta tghidilha li kienet qed tistenna tarbija, izda dan ma sehhx,

sakemm lejl wiehed, il-konvenuta tfaccat wara l-bieb taghhom u fethet qalbha maghhom dwar il-problemi li kienet qed tiffaccja fiz-zwieg. Qaltilhom li l-attur kien taht kura psikjatrika minn zmien li kien seminarista u kien iqum f'nofs ta' lejl ighajjat. Kellu ukoll problema fil-parti tieghu, li kien jimpedihom milli jkollhom tfal. Kien ikollu *hallucinations*.

L-attur kien persuna maqtugh ghalih u li ma tantx kien ihobb jitkellem . Kienet taraha ukoll stramba li ma tantx kienu jistiednuhom peress li kienet rabbiet lill-konvenuta b'mod differenti.

Kienet iddispjacuta minhabba li l-attur kien dahaq bit-tifla.

26.**PLG** ighid li ilu jaf lill-konvenuta ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena u dan minn mindu dahlet fil-Komunita' Karizmatika Kattolika Marana-tha'. Dejjem kienet tidher bhala persuna genwina u onesta u kienet involuta sew fil-Komunita' u kienet ukoll fdata b'diversi posizzjonijiet fi hdanha.

Ighid li l-konvenuta kellha relazzjoni tajba hafna maghhom u kienet tmur izurhom u kienet titlob pariri fuq hajjitha u anke fuq relazzjonijiet personali. Fi kliem iehor kienet persuna b'qalb kbira u miftuha.

27.**Profs. Y. Muscat Baron** jikkonferma li ilu jaf lill-konvenuta mis-sena 2018, wara li kienet giet riferuta lilu mill-Profs. Jean Calleja Agius fuq "fibroid uterus." Minhabba l-qies tal-*fibroid*, il-konvenuta giet riferuta Mater Dei Hospital ghall-MRI u *biopsy*, fejn gie konkluz li l-*fibroid* ma

kinitx wahda "cancerous." Fejn kienet tinstab il-"fibroid" ma kienx ser jostakola r-relazzjonijiet intimi. Kienet kbira hafna u ghalhekk ried jivverifika l-ewwel li ma kinitx cancerous u dan sabiex iserrah ras il-konvenuta li seta' jkollha t-tfal.

It-testijiet tad-demm, kif ukoll l-*ultrasound i*kkonkludew li ma kienx hemm Polycystic Ovarian Syndrome.

Sentejn wara f'Awissu, 2020, il-konvenuta kienet regghet marret ghandu peress li kien qed ikollha ugigh f'darha u dan seta' kien minhabba l-"fibroid." Peress li l-ugigh zdied sa Ottubru, 2020, ittiehdet id-decizjoni li ssir "total abdominal hysterectomy." Jikkonferma li nehhew l-uteru u l-"fibroid" u l-"ovaries" gew konservati.

Jikkonferma ukoll li mit-testijiet li ghamlu rrizulta li ma kienx hemm polycystic ovarian syndrome.

Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet qaltlu li marret ghand il-Profs. Brincat u kien offrilha li jnehhu l-*fibroid*, izda rrifjutat u jghid li 70% minn nisa Maltin ibatu minn dina l-problema, izda ma jfissirx li kulhadd irid jaghmel l-operazzjoni. Izid ighid li l-konvneuta kienet qaltlu li rrifjutat peress li kienet *virgo intacta* (vergni) u l-intervent tal-*laparoscopy* jista' jwassal biex tigi zvergnata.

Ighid li l-attur ma jafux, ghax il-konvenuta kienet marret ghandu meta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' J.

26. **Doris Vella Cassia**, in rapprezentanza ta' Mater Dei Hospital ipprezentat il-file mediku tal-konvenuta.[32]

27. **J CH** jikkonferma li huwa f'relazzjoni mal-konvenuta u kienu ltaqghu permezz ta' grupp li jmorru jimxu fil-kampanja. Minn Gunju, 2019 bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Jikkonferma li f'Lulju, 2019 kellhom l-ewwel relazzjoni sesswali bejniethom u kkonferma li l-konvenuta kienet ghadha vergni.

Jispjega ukoll li fid-19 ta' Novembru, 2020 kienet tnehhitilha l-fibroid, izda sakemm damet hemm ma kellux impatt fuq ir-rapport sesswali.

Jikkonferma li kien akkumpanja lill-konvenuta ghand diversi ginekologi, Il-Profs. Jean Calleja Agius irrakkomanda li l-konvenut icekken il-*fibroid* jew tnehhiha u ghazlet tal-ahhar u ghalhekk irreferiha ghand il-Profs. Yves Muscat Baron li kkonferma li l-konvenuta ma kellhiex *polycystic ovaries u* anke jekk kellha dina ma kinitx ser taffettwa r-rapporti sesswali taghha,

Fil-fatt, il-Profs. Muscat Baron ghamel l-operazzjoni ta' *hysterectomy f*uq il-konvenuta fid-19 ta' Novembru, 2020.

Marru anke ghand Dr.Marcelle Chircop f'Settembru, 2020, fejn ikkonfermat li l-konvenuta kellha *fibroid* fl-utru u li ma kinitx vergni u li ma kinitx qed turi xi sinjali ta' *vaginismus*. Kien infurmaha li kien l-gharus tal-konvenuta u kien ikollhom relazzjonijiet intimi.

---

[32] Dok. DV 1

Ighid li ilu mal-konvenuta ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs u jkollha relazzjonijiet intimi minghajr problemi. Ighid li llum ghandu relazzjoni tajba anke mal-familja tal-konvenuta u ghandhom relazzjoni tajba hafna.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Dina l-kawza ta' separazzjoni hija miexja ukoll ma' kawza ta' annullament civili fl-istess ismijiet Rikors Guramentat 148/2017 AGV. Fil-mori tal-proceduri nghatat decizjoni mill-Pontefici Ruman permezz ta' liema z-zwieg gie annullat. Illi fil-mori tal-proceduri ukoll, l-istess decizjoni giet rregsitrata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Il-Qorti tirrileva li f'dawn ic-cirkostanzi taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuta fin-nota taghha li:-

> ***"Is-sentenza tat-Tribunal ghandha naturalment sahha legalu billi mbaghad l-annullament deciz minnha gie debitament registrat fuq decizjoni ta' din il-Qorti.***

Fuq din il-materja, l-awtur Trabucchi (Commentario al Codice Civile, paragrafo 150 sub inciz III) ighid hekk:-

> ***"Sopravvenuto l'annullamento del matrimonio, cessa la materia del contendere nel giudizio di separazione il quale puo' essere***

***proseguito solo limitatamente agli effetti relativi al periodo precedente."***

Ghalhekk skond dan l-insenjament, il-vertenza processwali dwar is-separazzjoni "***per se" tieqaf la darba z-zwieg jigi ddikjarat null***..."[33]

Dina l-Qorti tkompli taqbel ma' dak li kompliet tissottometti l-konvenuta li huwa minnu li d-digriet tal-Pontefici Ruman ma jippronunzjax *per se* s-separazzjoni, madanakollu jiddikjara b'mod car min jahti ghat-tifrik taz-zwieg in kwistjoni u f'dan is-sens jissussistu l-elementi ta' *res judicata*. Jekk diga' nghatat sentenza li annullat iz-zwieg, dina l-Qorti lanqas biss tista' tippronunzja separazzjoni in kwantu l-istess zwieg gie xolt u ghandha biss tiddetermina l-aspetti monetarji, il-komunjoni tal-akkwisti, id-drittijiet ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Oltre minn hekk, il-htija ghat-tifrik taz-zwieg giet ippronunzjata b'digriet tal-Pontefici u l-attur m'appellax ai termini tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma jistax jerga' jkun hemm indagni minn kwalunkwe Qorti dwar min huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li l-atturipprezenta ukoll kawza ghall-annullament civili taz-zwieg xi xahrejn qabel ma fetah kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet **ESF vs HSF Rik. Nru. 148/17** u ghaldaqstant dina l-Qorti ser taghmel referenza ukoll ghad-decizjoni taghha f'dina l-istess sentenza fejn waslet sabiex iddikjarat in-nullita' taz-zwieg ai termini

[33] Joseph Agius vs Maria Dolores Agius (Ref.No. 1046/2001/2) deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2014

tal-Artikolu 19 ( 1c) (1d) u (1e) tal-Kodici Civili u dan minhabba htija da parti tal-attur u a skans ta' repetizzjoni taghmel il-kunsiderazzjonijiet u d-decizjoni bhala parti essenzjali ta' dina s-sentenza ai finijiet ta' htija, li tkompli ssahhah it-tezi li m'hemmx lok ghal dina l-Qorti sabiex tippronunzja ruhha fuq is-separazzjoni, izda biss fuq l-effetti tal-istess in kwantu kellhom il-komunjoni tal-akkwisti, li trid tigi llikwidata u assenjata.

## Manteniment

Jirrizulta li l-partijiet it-tnejn jahdmu u huma *self-sufficient* u fil-mori tal-proceduri ma saret ebda talba da parti tal-kontendenti ghall-manteniment. In oltre, jirrizulta ukoll li l-attur ghandu introjtu ferm ikbar minn tal-konvenuta u certament m'ghandux bzonn ta' ghajnuna finanzjarja minghand il-konvenuta.

Inoltre, tenut kont li l-attur huwa hati tal-firda, il-Qorti tiddikjara li ddekada minn kull dritt ta' manteniment.

## Dekadenza

Dwar l-applikabilita' o meno tad-disposizzjonijiet 48 sa 53, dina l-Qorti tirrileva li peress li m'ghandhiex kazijiet ta' adulterju u/jew abbandun, l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet huma fid-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti.

Anke jekk kemm il-darba jirrizulta li kien hemm qerq da parti tal-attur dwar il-kondizzjoni tieghu, dina l-Qorti mhix ser tasal biex tordna l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet fil-konfront tal-attur.

## Il-Htija u l-Effett fuq il-Komunjoni

Il-kawza ta' annullament u s-separazzjoni nfethu mill-attur in konsegwenza tal-annullament iddikjarat mit-Tribunal Ekklesjastiku datat datat 16 ta' Ottubru, 2017.[34]

Il-partijiet essenzjalment qed jaqblu li z-zwieg taghhom ma giex ikkunsmat, izda n-nuqqas ta' qbil jirrigwarda ta' min hi l-htija. Ghall-attur l-konvenuta kienet tbati minn diversi kundizzjonijiet li waslu sabiex impedewha milli tikkonsma z-zwieg, il-*vaginismus*, *polycystic ovaries*, kif ukoll *uterine fibroid*. Il-konvenuta da parti taghha taghti l-htija lill-attur li ma kienx kapaci jikkonsma z-zwieg minhabba "erectile dysfunction."

Il-Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq din il-htija u waslet biex tikkonferma ukoll id-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku li l-attur huwa responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg u ghaldaqstant, dina l-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi permezz ta' sentenza deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju, 2018, gie ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, liema waqfien jillimita l-komunjoni mid-data taz-zwieg tal-kontendenti u cioe' mis-6 ta' Mejju, 2012 sas-16 ta' Gunju, 2018.

## Assi/Djun

[34] A fol. 205

Illi hemm diversi assi fejn ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni da parti tal-kontendenti u dawn huma s-segwenti:-

i) **<u>Vetturi</u>**

Skond id-dokumentazzjoni esebita minn Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta jirrizulta li kien hemm il-vettura Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni AAA 416 irregistrata fuq il-konvenuta u dina ghandha tibqa' assenjata lilha.

F'isem l-attur jirrizulta li kien hemm irregistrata fuq ismu l-vettura Toyota Yaris b'numru ta' registrazzjoni LCO 302 u dina ghandha tibqa' tghajjat lilu.

Inoltre jirrizulta li effettivament dawn il-vetturi huma parafernali ghall-partijiet.

ii) **<u>Dar Matrimonjali</u>**

Hemm qbil li d-dar matrimonjali u cioe' Flat 6, G.Schranz Street, Msida hija parafernali ghall-attur u m'ghandhiex tibqa' tigi kkunsidrata bhala d-dar matrimonjali u dan meta anke l-istess konvenuta ilha li vvakat id-dar u fuq ordni tal-Qorti, l-attur kien biddel is-serratura.

Illi l-konvenuta ddikjarat ukoll li kienet ghamlet diversi spejjes bhala benefikati fid-dar matrimonjali u li llum qed igawdihom l-attur. Il-konvenuta qed tippretendi li tithallas lura ghal dawn l-ispejjes li ghamlet li jammontaw ghal €6,432.83.[35] Tichad li dan huwa ammont intier, izda jirrapprezenta n-nofs peress li dawn thallsu mill-*joint account* hekk kif

[35] Breakdown anness mal-affidavit Dok. XX a fol. 465 tal-process 185/2017

hemm iddikjarat fir-rendikont li pprezentat hi stess fis-6 ta' Novembru, 2018 a fol. 626.

Il-konvenuta topponi biex tinghata somma inqas kif qed jippretendi l-attur u dan minhabba deprezzament u fejn qed jikkontendi li ghandu jitnaqqas 10% mill-valur tal-istess oggetti u dan peress li huwa ragunament ingustifikabbli gialadarba li l-oggetti (benefikati) ilhom fil-pussess tal-attur u ghandha biss tithallas nofs il-valur li hallset ghalihom. Di piu' lanqas ma treggi t-tezi tal-attur li l-konvenuta tista' tiehu l-oggetti *in kind* u dan meta l-istess oggetti nxtraw b'mod li adattaw ghall-post ghalfejn inxtraw u ghalhekk m'ghandha ebda uzu ghalihom. Inoltre, peress li ghaddew xi seba' snin, il-konvenuta lanqas taf f'liema stat jinstabu dawn l-oggetti.

Il-konvenuta qiedgha ukoll tippretendi li tiehu lura diversi rigali li rcevew fl-e*ngagement* kif ukoll fit-tieg.[36] Tenut kont tal-fatt li l-attur huwa responsabbli ghall-isfaxx ta' dan iz-zwieg, il-konvenuta ghandha tigi assenjata l-istess oggetti mitluba minnha.

Il-konvenuta qed tippretendi ukoll €400 ghall-*flat nets* u *double glaze* li thallsu mill-genituri taghha u dawn sabiex jigu rifuzi lilhom.

Dwar id-dar matrimonjali ghandu jigi rilevat li hemm qbil bejn il-partijiet li ghalkemm il-proprjeta' hija parafernali ghall-attur, parti mil-*loan* thallas mill-*joint account*, fejn il-konvenuta kienet tiddeposita l-flus, b'dana li kien hemm ftehim verbali bejn il-konjugi SF , li l-attur kien ser

[36] A fol. 1130 -nota tas-sottomissjonijiet

jittrasferixxi porzjon tal-istess appartament ekwivalenti ghall-valur li kkontribwit lill-konvenuta. Izda dan ma sehhx.

Jirrizulta ghalhekk li l-ammont li thallas mill-*joint account* kien dak ta' **€38,494.87** u ghalhekk il-konvenuta qed tippretendi li tithallas nofs dan l-ammont u cioe' **€19,247** u din il-pretiza hija gustifikata stante li l-attur qatt ma kien ittrasferilha l-porzjon ta' proprjeta' kif miftiehem.

**<u>Spejjez tat-Tieg</u>**

Hemm qbil li l-konvenuta kienet hallset xi spejjes tat-tieg minn flusha personali u ghaldaqstant hemm kreditu parafernali. Indikat li dawn l-ispejjes jikkonsistu f'donazzjoni li-sorijiet tal-Ursolini **(€600**), spejjes ohra **(€28,193.28),** li minnhom ghandhom jitnaqqsu **€1,607.80** rapprezentanti Government *grant remittance.*

L-attur qed jopponi li l-konvenuta tithallas dan l-ammont interament u dan minhabba li qed jippretendi li thallas kera ghaz-zmien li damet tghix mieghu kif ser jigi kkunsidrat iktar 'l isfel, li tali pretensjoni ma treggix.

Tenut kont tal-fatt li l-attur dahal ghaz-zwieg konsapevoli li ma setax jassumi l-obbligi tieghu kollha taz-zwieg, hija ghandha tigi rifuza l-ammont li hija nefqet fuq it-tieg fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, il-pretensjoni tal-konvenuta li ghandha tinghata s-somma ta' **€53, 265.31** ghandha tigi akkolta.

**<u>Pretensjonijiet tal-attur</u>**

L-attur ipprezenta rendikont ta' diversi flejjes li kienu saru minnu u dawk dovuti lejn il-konvenuta. Mill-istess rendikont jirrizulta li l-attur ghandu kreditu ta' **€39,411**, filwaqt li l-konvenuta jirrizulta li ghandha kreditu ta' **€35,380** li jfisser li l-konvenuta ghandha thallsu s-somma ta' **€4,031**.[37] Il-gustifikazzjoni hija li ma kienx hemm qerq da parti tieghu, kif ukoll l-ispejjes tat-tieg intefqu ghat-tnejn u meta hallsithom ma talbitx dritt ta' irkupru, lanqas fil-kitba taz-zwieg taghhom.

Il-konvenuta qed topponi li thallas dan l-ammont, minkejja li huwa zghir ghal diversi ragunijiet:-

**i) L-ammont ta' €19, 000 rapprezentanti kirja bejn il-perjodu ta' Mejju, 2012 u Mejju 2017**

L-attur qed jippretendi li l-konvenuta thallas il-kera tal-perjodu fiz-zmien li kienet tghix hemm, anzi l-istess attur ha l-izbriga li jikklakola kemm hi l-going rate tal-kirjiet ghall-appartament bhal tieghu.

Bir-rispett kollu, dan l-appartament, minkejja li huwa parafernali ghall-attur, mill-minuta li marru jghixu go fih, anke jekk il-konvenuta tinsisti li l-arrangjament kien li jfittxu biex imorru jghixu band'ohra, dan sar id-dar matrimonjali u l-attur ma jistax jippretendi li l-konvenuta ghandha thallas kera tal-perjodu li ghexet mieghu bhala martu.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tirrepsingi dina t-talba tal-attur ghall-hlas ta' kera.

---

[37] Ara nota ta' sottomissjonijeit tal-attur a fol. 1053

**ii) L-ammont ta' €1,324 rapprezentanti nofs l-ispejjes li skond l-attur nefaq fil-perjodu li l-partijiet kienu *de facto* sseparati u cioe' bejn l-2016 u 2017**

Ghalkemm l-attur jaghmel referenza ghal dawn l-ispejjes, dina l-Qorti tilqa' s-sottomissjonijiet tal-konvenuta, li l-attur qatt ma esebixxi xi rcevuti bhala prova ta' dawn l-ispejjes. Lanqas ma gab prova li dawn il-pagamenti saru mill-kont bankarju tieghu.

Ticcita xi sentenzi li rreferiet ghalihom il-konvenuta:-

***"inoltre, dina l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta, li certi spejjes li ndika l-attur bhall-ispejjes tal-mobile tal-konvenuta jikkonferma li dawn thallsu mill-joint account u ghalhekk jekk effettivament kif jammetti hu stess thallsu minn hawn, ma jistax issa jippretendi li jerga' jithallas lura taghhom.[38]***

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tichad ukoll il-pretensjoni tal-attur, stante li din ukoll ma treggix.

**iii) L-ammont ta' €2,750 jew kwalunkwe ammont iehor kif aggustat skond l-imghaxijiet sad-data tax-xoljiment rapprezentanti 50% tal-interessi fuq il-kontijiet bankarji**

L-attur elenka d-diversi kontijiet bankarji appartenenti l-partijiet, kemm individwalment, kif ukoll *joint*. Jirrizulta li l-kontjiet qedghin mal-HSBC Bank Malta plc., Bank of Valletta plc. Kif ukoll mal-BNF Bank.[39]

---

[38] Ara xhieda tal-attur tas-6 ta' Novembru, 2018 a fol. 621 tal-process.
[39] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attur a fols. 1115-1121

L-attur qed jippretendi li jithallas is-sehem tieghu tal-interessi li rceviet il-konvenuta mill-kontijiet bankarji taghha anke dawk parafernali mid-data taz-zwieg sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe' s-16 ta' Ottubru, 2018.

Il-konvenuta qed toggezzjona ghal tali hlas u semmai kif qed jippretendi hu l-hlas ta' dawn l-interessi, l-istess ser titlobhom hi.

Tenut kont tal-fatt li l-htija hija dik tal-attur, dina l-Qorti ma tarax li l-pretensjoni tieghu ghandha tigi ggustifikata, ghajr l-ammont ta' **€16, 337,** liema somma tirrapprezenta nofs is-savings tal-partijiet li kienu jidhlu fil-kont tal-intimata kont numru 40022796763.[40]

**Hlasijiet**

Ghalhekk in vista tal-konkluzzjonijiet fuq raggunti, il-Qorti tikkonkludi li l-attur ghandu jinghata s-somma ta' **€16, 337** minghand l-attrici, filwaqt li l-konvenuta ghandha tinghata s-somma ta' **€53, 265.31,** kif ukoll l-oggetti elenkati fis-sezzjoni IIA tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha jew fin-nuqqas ammont ekwivalenti ghal tali oggetti.

**Kontijiet bankarji**

In kwantu jirrigwarda l-kontijiet bankarji, dina l-Qorti tordna li dawn ghandhom jinzammu minn dik il-parti lil min jappartjenu, filwaqt li dawk

[40] Doks. SF1 a fol 621

il-kontijiet li huma kongunti, ghandhom jinghalqu u jinqassmu bejn il-partijiet (salv ghal dawk il-kontijiet li gew imsemmija fil-kitba taz-zwieg).

**Curkett**

L-attur qed jitlob lura curkett li nghata lill-konvenuta minghand ommha, liema curkett kien japparteni lin-nanntu materna u ghalhekk huwa ta' valur sentimentali.

Il-konvenuta qed tirresisti li tghaddi lura dan ic-curkett stante li nghata lilha bhala rigal mill-kunjata.

Considerando li dan ir-rigal inghata certament biss peress li l-konvenuta kienet mart binha, il-Qorti tifhem lill-attur li dak l-istess curkett kien ilu fil-familja u ghaldaqstant ghandu valur sentimentali.

Gialadarba dan iz-zwieg gie ddikjarat null, f'ghajnejn dina l-Qorti m'hemmx izjed rabta bejn il-partijiet u l-istess skop li zzomm dan ic-curkett huwa inutli.

Ghaldaqstant, l-istess curkett ghandu jintradd lura lill-attur.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina l-ewwel talba, stante li gie ppronunzjat l-annullament ta' dan iz-zwieg kemm mill-Pontifitkat Ruman, kif ukoll fis-sentenza ta' annullament civili fl-

ismijiet **E SF vs HSF ,** Rik. Nru. 148/2017 li qed tinghata kontestwalment ma' dina s-sentenza.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tichad il-bqija tat-talba.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici in kwantu l-konvenuta diga' hadet oggetti mid-dar matrimonjali, izda tichad ir-rimanenti talba kif fuq imfisser fuq l-oggetti li ghandha tiehu l-konvenuta, salv ghac-curkett li l-konvenuta ghandha trodd lura lill-attur kemm il-darba tiehu lura l-oggetti ordnati minn dina l-Qorti.
4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li ma hemmx gid iehor komuni li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li jrid jigi diviz.
5. Tichad il-hames talba attrici, stante li l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somma ta' **€16,337**.
6. Tichad is-sitt tlaba, stante li l-konvenuta mhix hatja tat-tkissir taz-zwieg.
7. Tichad is-seba' talba.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

**<u>Kontro-talba</u>**

1. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina l-ewwel kontro-talba, stante li gie ppronunzjat l-annulament ta' dan iz-zwieg kemm mill-Pontifikat Ruman, kif ukoll fis-sentenza ta' annullament civili fl-ismijiet **ESF vs HSF, Rik. Nru. 148/2017** li qed tinghata kontestwalment ma' dina s-sentenza.
2. Tilqa' t-tieni kontro-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg tkisser unikament minhabba responsabbilita' tal-attur kif gie deciz fis-sentenza tal-annullament fl-ismijiet **ESF vs HSF , Rik. Nru. 148/2017.**

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba attrici u tordnalha sabiex thallas is-somma ta' €16, 337 lill-attur, filwaqt li l-istess attur ghandu jhallasha s-somma ta' **€53, 265.31.**
4. Tichad ir-raba' kontro-talba.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba kif fuq imfisser u sa fejn applikabbli stante li l-konvenuta ammettiet li hadet diversi oggetti parafernali taghha diga'.
7. Tilqa' s-seba' kontro-talba u tiddikjara li l-fond Emerald apartments, Flat 6, G. Schranz Street, Msida m'ghandux jitqies iktar bhala d-dar matrimonjali.
8. Tilqa' t-tmien kontro-talba u tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt li jitlob manteniment minghand il-konvenuta.
9. Tilqa' d-disa' kontro-talba u tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' **€27,185.48** rapprezentanti spejjez li l-konvenuta kienet ghamlet qabel iz-zwieg, inkluz l-ispejjes tat-tieg (liema somma tifforma parti mis-somma ta' **€53,265.31** fuq imsemmija**).**
10. Tilqa' l-ghaxar kontro-talba sa fejn applikabbli.
11. Tilqa' l-hdax-il talba attrici u tordna lill-konvenuta sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha.
12. Tilqa' t-tnax-il talba attrici u tawtorizza lill-konvenuta tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor.Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**